# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Nru. 463/2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotta kontra l-appellant, Christopher Abela, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 186269M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1) Nhar it-23 ta' Mejju, 2013 ghall-habta ta' 01:30 hrs bhala l-persuna li f'ismu ghandu il-licenzja tal-hanut tax-xorb maghruf bhala taboo wine bar li jinsab fi Triq Bormla gewwa Rahal Gdid, zammu jew ippermetta li jinzamm l-imsemmi hanut miftuh wara l-hin ta" l-gheluq, u mhux skond il-kundizzjonijiet ta' licenzja ta' l-imsemmi hanut;

2) Ukoll talli fl-istess data, hin u lok bhala persuna li f'ismu ghandu l-istabbiliment Tatoo wine bar ippermetta li tindaqq muzika amplifikata wara il-hin, u dan bi ksur tal-istess kundizzjonijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Ottubru, 2016 li biha sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha illiberatu, izda sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni w kkundannatu ghal ammenda ta' tliet mitt euro (€300) u ssospendietlu l-licenzja ghall-ezercizzju tal-attivita kummercjali tieghu ghal zmien erbatax-il jum;

Rat ir-rikors ta' Christopher Abela, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li **tikkonfermaha** fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni, **thassarha** u tirrevokaha fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u tilliberah minn kull htija u piena **jew, tirriformaha u tvarjha** in kwantu l-piena billi minflok l-piena nflitta tissostitwixxi ghall-istess piena, piena aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. L-appellant jillanja s-sentenza appellata kwantu s-sejbien ta' htija tieghu fl-ewwel imputazzjoni, igifieri dik li halla l-hanut miftuh wara l-hin permess skond il-licenzja tieghu. Huwa jressaq argumenti li jistghu jitqiesu bhala apprezzament zbaljat tal-ewwel Qorti kwantu l-fatti. Fit-tieni aggravju, l-appellant jikritika l-piena erogata;

2. Mill-atti jirrizultaw is-segwenti. PS 31 xehed per via ta' affidavit u qal illi fit-23 ta' Mejju, 2013 ghall-habta tas-siegha u nofs ta' filghodu il-Pulizija kienet ghamlet spezzjoni gewwa l-bar in kwistjoni li kien mimli bin-nies, kemm gewwa kif ukoll barra. Ftit tal-hin qabel kienu ghadhom kemm spiccaw ic-celebrazzjonijiet illi kien hemm fil-pjazza ta' Rahal Gdid u kien innutat numru ta' nies qed jaghmlu storbju barra l-istabbiliment huma u diehlin. La darba l-bar kien miftuh, l-imputat inghata struzzjonijiet biex jirregola ruhu u fil-fatt ghalaq l-hanut ftit tal-hin wara;

3. Mid-deposizzjoni tar-rapprezentant tal-Malta Tourism Authority jidher illi l-fond seta' jibqa' miftuh sas-siegha ta' filghodu u dan b'effett ta' l-Avviz Legali numru 1 tal-2006, liema estensjoni kienet applikabbli sas-17 ta' Dicembru, 2013. Wara dan kien ottjena permess sabiex il-fond jibqa' miftuh sal- erbgha ta' filghodu u dan mit-18 ta' Dicembru, 2013;

4. L-ewwel argument mressaq mill-appellant hu li dak inhar kien ghalaq il-hanut fis-siegha ta' filghodu igifieri skond il-hin li bih kien marbut bil-licenzja. Fit-tieni argument jghid illi l-unika prova kontrarja hi dik ta' PS 31 u hadd izjed minkejja li dakinhar kien hemm prezenza ta' numru ta' Pulizija sabiex tinzamm l-ordni waqt ic-celebrazzjonijiet. L-ewwel Qorti kienet konvinta 'l hinn minn kull dubju ragjonevoli li mill-provi mressqa l-fatti kienu allegati mill-prosekuzzjoni. Tassew illi din il-prova kienet tikkonsisti fid-deposizzjoni ta' xhud wiehed biss izda fl-ewwel lok ma kien hemm ebda prova kontrarja mqar fuq livell tal-probabbli li setghet tissugerixxi mod iehor. L-argument

tal-appellant li ghaliex kien hemm presenza ta' ufficjali tal-pulizija ohra fuq il-post, haga dan li qed jassumi hu, u li ma tressqux biex jiddeponi allura dik ix-xhieda ma kienitx korroborata huwa zbaljat;

5. Illi b'mod alternattiv, l-appellant iressaq l-argument illi f'dawk ic-cirkostanzi ta' briju hu normali li l-istabbilimenti kollha f'dawk l-akkwati ikollhom hafna attivita u li ghalhekk ma kienx facli li l-appellant jaqbad u jaghlaq l-istabbiliment tieghu. Bid dovut rigward il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-ragunament. Il-licenzja tintitola lill-imputat. Irid ikun hu li jiehu hsieb li jimxi mal-istess sabiex jipprezerva l-istat legali taghha b'kull mezz li hu possibbli ghalih u din il-Qorti mghadhiex ghalfejn taghmel hi suggerimenti ta' buon sens dwar kif jista' jassikura li l-istabbiliment jaghlaq fil-hin stabilit skond il-licenzja tieghu. Ghalhekk, stante li ma hemm xejn li jista' jinduci lil din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni fil-gudizzju ezercitat mill-ewwel Qorti, dan l-aggravju qed ikun michud;

6. Fit-tieni aggravju, l-appellant jikritika l-piena erogata mill-Ewwel Qorti bhala waħda esaġerata. Kif ritenut mill-Qrati tagħna in materja ta' piena, l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kwantu l-piena kominata sakemm din ma tkunx 'l hinn mill-limiti stipulati mill-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas jew aktar minn dik fil-fatt erogata. Prinċipju dan riaffermat b'mod kostanti kif jemerġi mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kolleġjalment mogħtija fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs ommissis u Noel Frendo tat-3 ta' Diċembru, 2015. Il-piena hija fil-parametri tal-liġi u mhux eċċessiva konsiderando li skont l-artikolu 18 tal-Kap 441 dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ jekk wieħed jinstab ħati għall-ewwel darba, jista' jeħel ammenda ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) imma ta' mhux

iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69);

7. Illi l-ewwel Qorti ordnat ukoll is-sospensjoni tal-licenzja tal-appellant ghal zmien erbatax-il jum. Anke hawn, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tirrimpjazza d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti. Minkejja dan irid jinghad illi din il-kawza instemghet flimkien ma' hamsa ohra flimkien li kienu jikkoncernaw sia kwistjoni ta' ftuh oltre l-hinijiet legali, daqq ta' muzika b'volum gholi u inkonvenjent iehor ta' storbju. Dawk kienu kollha decizi fl-istess jum anke ghaliex uhud minnhom kienu dipendenti minn provi peritali u ghalhekk ghall-ekonomija tal-gudizzju ukoll instemghu flimkien kompriz allura din il-kawza. L-appelli minn dawk il-kawzi kienu ukoll decizi flimkien hlief ghal din in dizamina li bi zvista ma inghatatx fl-istess jum tal-24 ta' Gunju 2019 bhall-ohrajn. F'uhud minn dawk l-appell kienet ukoll konfermata ordni ta' sospensjoni ta' licenzja u l-hsieb tal-ewwel Qorti li kollox ikun trattat *quid unum* ma jilhaqx l-istess skop jekk issa tkun konfermata is-sospensjoni ta' erbatax-il jum li f'dak il-kaz jibdew jiddekorru mil-lum;

8. Ghalhekk, b'sens ta' gustizzja, din il-Qorti ser thassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni tal-licenzja;

9. Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan l-appell billi tichad it-talba ghat-thassir tas-sentenza kwantu din sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u ghalhekk tikkonfermaha f'dak ir-rigward; tikkonfermaha ukoll fejn sabet lill-appelant mhux hati tat-tieni imputazzjoni; tichad it-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata kwantu kkundannat lill-appellant ghall-ammenda ta' €300 u konsegwentement tikkonferma l-piena

erogata b'dan illi thassarha f'dik il-parti li biha ordnat is-sospensjoni tal-licenzja ghal zmien erbatax-il jum;